## ĦAL LUQA

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 48 – IT-TNEJN 13 TA' MEJJU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa it-Tnejn 13 ta' Mejju fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Denise Cutajar | Viċi Sindku |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Kearon Bruno | Kunsillier |
| | Elaine Camilleri Schembri | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1. Ma kienx hemm ittri t' apoloġija.

### 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2. Il-minuti kienu approvati wara rakkomandazzjoni tal-kunsilliera Massa u ssekondati mill-Kunsillier Caruana.

### 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku semma li fil-laqgħa annwali li saret, kien hemm ir-rappreżentanti taż-żewġ soċjetajiet mużikali u dawn tkellmu fuq il-bżonn li jkollhom xi għajnuna sabiex jkunu jistgħu jlaħħqu mal-bżonnijiet tagħhom. Huwa qal li dawn kienu bagħatu draft copy tal-ftehim li jinkorpora fih l-armar għall mixgħela tal-Milied u programm mużikali waqt l-Irxoxt. Huwa qal li dan il-ftehim konna rajnih minn naħa tagħna biex naraw x' hemm bżonn ikun emendat. Is-Sindku qara dan il-ftehim kif kien quddiem il-Kunsilliera. Il-Kunsilliera Massa semmiet li fuq l-ambone il-Kappillan semma li l-parroċċa kienet iffinanzjat il-programm mużikali tal-Irxoxt.

3.2. Is-Sindku qal li jekk filkaż il-Kappillan ikun se jiffinanzja l-program mużikali tal-Irxoxt, l-Kunsill jagħmel tajjeb għall xi attività oħra.

3.3. Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk l-Għaqdiet humiex se jkunu qed juru d-disinn propost għall armar tal-Milied minn qabel. Is-Sindku qal li din kienet imniżżla fil-ftehim.

### 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1. Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk Jum Ħal Luqa jistax jiġi organizzat wara Ġunju. Is-Sindku qal li filkaż nistennew l-eżitu tal-Elezzjoni u nimxu minn hemm.

4.2 Il-Kunsillier Caruana semma li l-kuntrattur li kien qed jagħti t-tarmac ta' Triq ir-Rixtellu kien qed jagħmel xogħol tajjeb peress li l-materjali kien jidher ta' kwalità tajba.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq pagamenti.

## 6. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

6.1 Il-laqgħa ġiet fi' tmiemha it-Tnejn 13 ta' Mejju 2019 fis-6.30 pm. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |